# il-Bidnija

## u s-Sagra Familja



*Il-Faċċata tal-Knisja tas-Sagra Familja ġewwa l-Bidnija.*

Il-Bidnija jew inkella Ħal Dragu huwa villaġġ rurali fin-naħa ta' fuq ta' Malta, jiġifieri villaġġ fil-kampanja, imdawwar bl-għelieqi, xagħri u widien li huma uniċi ġewwa il-gżira Maltija. Dan ir-raħal ċkejken huwa it-tieni l-iżgħar raħal ġo Malta wara l-Imdina b'popolazzjoni li tammonta għal tlet mijja u tmien persuni bi statistika maħruga l-aħħar fis-sena 2008.

Il-kelma Bidnija ħarġet mil-kliem 'Siġar taż-żebbuġ tal-Bidni', b'għelieqi kbar taż-żebbuġ li jinsabu ġo dar-raħal li jmorru lura fiż-żmien sa 5,000 sena ilu. Dawn s-siġar u l-madwar huma prottetti bil-liġi. Minn dawn is-siġar jinħadem iż-żejt taż-żebbuġa.

Il-Bidnija jinsab bejn żewġ widien kbar, 'Wied Qannotta' u 'Wied il-Pwales', kif ukoll jestendi għal widien żgħar oħra li jdawru dan il-post. Il-maġġoranza tan-nies li joqgħodu fil-Bidnija huma l-istess familji tar-raħħala bdiewa li dejjem abitaw dal-post. Infatti nistgħu ngħidu li l-għelieqi huma kollha ta' dawn ir-raħħala, iżda llum qed tiżdied id-drawwa li nies oħra qed imorru joqgħodu l-Bidnija biex igawdu il-kwiet u l-ġabra li dar-raħal kapaċi joffri.

Konsegwenza taċ-ċokon ta' dan ir-raħal, hawn ma nsibux kunsill lokali li jmexxi dal-post. Għal żmien twil dar-raħal kien jagħmel parti mil-Mosta biss, għal daqstant illum il-ġurnata l-

Bidnija huwa maqsum f'żewg partijiet, parti taqa' taħt il-kunsill tal-Mosta u l-parti loħra taħt il-kunsill ta' San Pawl il-Baħar. Dan iżda mhux l-istess japplika dwar parroċċa, fejn il-Bidnija jaqa' taħt il-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Mosta.



***Pittura titulari tas-Sagra Familja.*** *Impittra minn Ġanni Vella.*

Dal-post ċkejken iżda ħelu huwa popolari ħafna għall-irkib taż-żwiemel. X'hemm isbaħ minn dawra fuq żiemel qalb il-ħdura u n-natura li joffri dar-raħal? Hawn insibu ukoll klabb tal-isparar tal-ħamiem kif ukoll restorant wieħed li jispeċjalizza fit-tisjir tal-fenek, platt tipiku Malti.



*Skrizzjoni 'IMI', xogħol fil-ħadid fil-bieb prinċipali tal-Knisja tal-Bidnija.*

Ġewwa l-Bidnija nsibu knisja żgħira ddedikata lis-Sagra Familja, fejn il-festa bil-purċissjoni li ddur madwar it-toroq tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Din il-knisja ġiet iddiżinjata minn Mastru Salvu Zahra fl-1920 u nbniet fil-post mir-raħħala stess f'għamla tonda tixbah lil dik ta' Sarria fil-Furjana, bi tmien twieqi fit-tambur, koppla u lanterna. Din il-knisja




***Triq is-Sagra Familja:*** *it-triq prinċipali tal-Bidnija.*

ma damitx wisq biex tinbena, infatti bil-ħeġġa ta' dawn ir-raħħala rnexxielhom jibnuha f'sentejn biss kif ukoll kull familja irregalat xi għamara biex ikunu jistgħu iżejnuha. Din ġiet imbierka mill-Isqof Mauro Caruana. Bnewlha kampnar wieħed fil-faċċata u għandu statwa li tirrapreżenta lill-fidi fuq nett.

Fuq ġewwa nsibu artal wieħed bil-kwadru titulari tas-Sagra Familja warajh. Insibu wkoll kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fuq ix-xellug u maġembu kwadru ieħor tal-Kurċifiss. Dawn il-pitturi huma kollha xogħol tal-pittur bravu Ġanni Vella. Insibu ukoll żewġ statwi ġo din il-knisja. L-ewwel waħda hija dik tal-Qalb ta' Ġesù, li ħallas għaliha l-Konti tal-Wardija u ħadimha l-iskultur Spiteri Sacco. L-oħra hija l-istatwa titulari tas-Sagra Familja xogħol tal-Għawdxi Mikiel Camilleri Cauchi u ħallas għaliha s-Sur Anġlu Galea. Din iżżanżnet fl-10 ta' Lulju tal-1977 u tagħti lemħa lill-istatwa tas-Sagra Familja l-antika li kien hemm fil-każin tas-Sagra Familja ġewwa l-Kalkara u li sfortunatament inqerdet bil-gwerra. Il-vara titulari ġiet mbierka mil-Arċipriet tal-Mosta Mons. Bartolomeo Bezzina fl-1977 u ħarġet għall-ewwel darba purċissjoni mat-toroq tal-Bidnija dak inhar stess.

Sfortunatament f'Novembru tal-1954 sajjetta laqtet il-koppla u l-lanterna ta' din il-knisja u b'konsegwenza t'hekk ġarrbet ħsarat kbar tant li kellhom jerġgħu jiġu rrestawrati u jinbnew mill-ġdid. Fl-1977 l-istatwa tal-fidi li tinsab fuq il-kampnar kienet tmermret u għalhekk iddeċidew li jaħdmu oħra replika, din id-darba xogħol l-istatwarju Marco Montebello.



**Etienne Camilleri**

Żgħażugħ Mosti ta' 24 sena li jaħdem bħala *System Administrator* f'kumpanija internazzjonali. Bħala passatemp iħobb ħafna r-riċerka fuq affarijiet storiċi, speċjalment fejn jirrigwardja r-raħal tal-Mosta u t-tradizzjonijiet tiegħu. Huwa qed jistudja s-sassofonu bħala alliev mal-Banda Sagra Familja.



***L-istatwa tas-Sagra Familja.*** *Xogħol Michael Camilleri Cauchi fl-1977.*

Illum din il-festa qegħdha tikber bil-mod il-mod tant li żdied xi logħob tan-nar kemm tal-art u kemm tal-ajru kollhu maħdum mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija tal-Mosta. Din l-istess Soċjetà tieħu sehem permezz tal-banda ukoll.

Fis-snin disgħin il-banda tas-Soċjetà Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja tal-Kalkara kienet ukoll tieħu sehem permezz ta' servizz mużikali ġo dan ir-raħal ċkejken.